MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Numru 332/2003

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia)
vs
Charlot (Carmel) Delceppo, iben
Joseph, imwieled Pieta' fil-21 ta'
settembru, 1969

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli ġewwa Ħaż-Żabbar fis-26 ta' novembru, 1999 u fl-erba' snin ta' qabel bħala l-proprjetarju jew konsumatur u bħala l-persuna responsabbli għall-meter tal-elettriku ta' 'Delson Horse Farm', Triq SanAnard, Żabbar b'mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar tal-meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkometta serq ta' dawl elettriku ta' Lm386.4 għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin;

2. talli fl-istess ċirkostanżi għamel ħsara volontarja fl-istess meter tad-dawl għad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikoli 533 tal-Kodiċi Kriminali għal ħlas ta'
l-ispejjeż peritali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-26 ta' novembru, 2003 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li ma sara ebda serq ta' dawl elettriku. Għalhekk, kwalunkwe kumment ulterjuri hu żejjed.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------